MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 376/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**Vs**
**Parashkeva Varbanova**

**Illum 5 ta' Novembru, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn is-7 u l-10 ta' Awissu 2010 fil-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnha anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda;

1. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 bejn il-11.00hrs u l-11.35hrs, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Cathleen Karamitsios detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 360275M u dan

bi ksur ta' Artikoli 261(c) u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 ghal habta tas-13.20hrs, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Julietta Bajada detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 75142M u dan bi ksur ta' Artikoli 261(c) u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 ghal habta tal-17.30hrs, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Annie Scicluna detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 89442M u Joseph Scicluna detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 294541M u dan bi ksur ta' Artikolu 261(c) u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nhar id-9 ta' Awissu 2010 ghal habta tal-11.15hrs, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Sharon Deguara detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 165177M u dan bi ksur ta' Artikolu 285 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Nhar id-9 ta' Awissu 2010, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' €23.29 ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa u dan bi ksur ta' Artikolu 285 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. Nhar is-7 ta' Awissu 2010 ghal habta tat-14.40hrs u kif ukoll nhar l-10 ta' Awissu 2010 ghal habta tal-11.30hrs, bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u dan bi ksur ta' Artikoli 41(1)(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Awissu, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c), 267 u 285 tal-Kapitolu

9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha w ikkundannataha hames (5) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-24 t'Awwissu, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella w tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellanti mill-ewwel u l-hames imputazzjonijiet u tikkonferma l-htija fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghha w dana skond skond l-ewwel u t-tieni aggravji imressqa mill-appellanti jew alternattivament ghall-ewwel talba, tikkundanna l-appellanti fuq l-imputazzjonijiet kollha ex admissis u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni talba, f'kull kaz, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna l-appellanti ghal piena karcerarja sospiza u dan ai termini tal-Art. 28 et seq. tal-Kap. 9 u l-provvedimenti kontenuti fl-Art. 20 tal-kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Li l-appellanti premessa giet mixlija, w sussegwentement ammettiet, b'reat inezistenti u dana stante, issostni l-appellanti, li l-Pulizija tal-Ghassa tal-Belt, Valletta, attribwew ir-reati kollha ta' serq li gew irrapurtati fil-granet li hi kienet hawn Malta lilha – kif jghidu bl-ingliz, l*ock, stock and barrel* – u dana anke meta irrizultalhom li l-kwerelanti irrapurtawlhom li ma kien hemm ebda serq. Dan huwa fil-fatt dak li gara, u kif jista' facilment jigi kkostatat mill-atti processwali, f'dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. Hawnhekk l-appellanti giet mixlija li kkommettiet serq aggravat ghad-detriment ta' Cathleen Karamitsios. Bhala prova l-prosekuzzjoni esebiet kopja tar-rapport li ghamlet il-kwerelanti Karamitsios, fejn manifestament jirrizulta bic-car li ma kien hemm ebda reat stante li Karamitsios irrapurtat aktar tard li *"ftakret li l-*

*kartiera ma kienitx fuqha imma hallietha d-dar”* ! L-appellanti giet akkuzata b’dan ir-reat li qatt ma sehh, fl-ewwel imputazzjoni migjuba kontriha w misjuba hatja taghha per konsegwenza tal-ammissjoni generali taghha. Ma setghet qatt l-appellanti tinstab hatja ta’ xi haga li, mhux talli ma ghamlitx hi, imma li qatt ma grat u ghaldaqstant l-appellanti ghandha tigi lliberata minn din l-imputazzjoni minkejja l-ammissjoni taghha fl-istadju tal-ewwel istanza w dan minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha segwenti.

2. Illi l-hames imputazzjoni hija kontra l-ligi. Hawnhekk l-imputazzjoni hi zbaljata fil-formulazzjoni taghha w ghaldaqstant hija kontra l-ligi ghax tipprezupponi haga impossibbli. L-ewwel u qabel kollox f’kazijiet bhal dawn il-Pulizija fl-investigazzjoni taghha trid tistabilixxi l-ezistenza tar-reat u ma jista’ qatt jigi stabbilit reat ta’ serq jekk m’hemmx vittma! Huwa principju kardinali tal-ordinament guridiku taghna li serq jigi attwat u kompletat meta persuna tiehu xi haga li ma hijiex proprjeta’ taghha w dan minghajr il-kunsens tas-sid. Id-definizzjoni klassika ta’ Carrara hekk it-tenni, li s-serq huwa *“Concretatio dolosa della cosa altrui, fatta senza invio domino”* li dejjem kienet addottata mill-Qrati taghna bhala duttrina fundamentali. Jekk il-persuni, kif adibit fil-hames imputazzjoni, ma humiex maghrufa, allura kif setghu l-Pulizija ikunu jafu jekk kienx hemm kunsens tas-sid jew le? Jekk ma kienx hemm l-anqas biss rapport wiehed ta’ serq ta’ din il-kwantita’ zghira ta’ flus, kif setghu ragjonevolment il-Pulizija jaslu ghal konkluzjoni li kien hemm serq u, perlopiu’, li gie kommess mill-appellanti? Huma injoti dawn il-persuni kemm ghal Pulizija kwantu ghall-appellanti, u ghalhekk qatt ma setghu jikkonfermaw o meno jekk fil-fatt insterqitilhomx proprjeta’ taghhom, jekk kienitx l-appellanti li kkommettiet dan is-serq meta u fejn. Il-hames imputazzjoni hija zbaljata, kontra l-ligi u infondata fil-fatt u ghalhekk minkejja l-ammissjoni tal-appellanti, hi ghandha tigi lliberata minnha w dan minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha l-ohra kontenuti fil-korp ta’ dan ir-rikors.

3. Illi l-piena karcerarja nflitta fuq l-appellanti li, tenut kont it-tipologija w severita’ tar-reat, kienet wisq harxa. L-

appellanti thoss ukoll li l-Ewwel Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa :

a. tal-ammissjoni bikrija taghha sia quddiem l-awtoritajiet investigattivi kif ukoll quddiem l-awtorita’ gudizjarja; u

b. ir-restituzzjoni tal-flejjes kollha misruq, liema restituzzjoni tammonta ghal valur ta’ elfejn Ewro (€2000), filwaqt li l-valur tas-serq imputabbli lill-appellanti tammonta biss ghal (€1350) u dan kif dedott mill-provi prodotti u esebiti fl-atti processwali tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti;

c. il-kondotta pulitissima taghha.

Kienet tkun aktar idonea, ragjonevoli u fl-istess hin kienu jintlahqu xort’ohra l-interessi u d-dettami tal-gustizzja, umilment tissottometti l-appellanti, sia b’mod generali ghal dawk misjuba hatja ta’ reati simili, kif ukoll senjatament fic-cirkostanzi partikolari tal-appellanti, li l-appellanti tinghata terminu ta’ prigunerija (kemm il-darba revizjonata in virtu’ tal-aggravji suriferiti u mnaqqsa wkoll in vista tal-perjodu karcerarju mqatta’ mill-appellanti taht arrest preventiv), pero’ sospiza ghal perjodu ta’ sentejn. F’dan il-kaz l-appellanti titlaq minn Malta w tkun tista’ tinghaqad ma’ binha li jinsab fil-Bulgarija.

Ikkunsidrat :

L-gharef difensur qieghed jibbaza l-argument tieghu ghal varjazzjoni fis-sentenza fuq il-fatt illi l-appellanta ma kienitx qed tifhem sew il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti peress illi l-interpretu Martin Boukov ma kienx qed jadi dmiru sew u minflok kien qieghed jaghtiha pariri legali fis-sens illi jaqbillha illi tammetti.

Apparti dan, u fi kwalunkwe kaz, argumenta li r-reat ma jissustix u ma kienx hemm provi fil-konfront tal-appellant.

Sahaq illi meta l-Pulizija sabu flus fil-pussess taghha assumiet illi kienu gejjin mis-serq u fuq din l-assenzjoni ma setghetx tinsab htija.

Bir-rispett, il-Qorti ma tara xejn fondat minn dawn l-allegazzjonijiet fuq l-interpetu Martin Boukov.

Skond il-verbal tat-12 ta’ Awissu 2010 l-appellanta kellha l-assistenza ta’ Dr. Mark Mifsud Cutajar bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali. F’dik is-seduta d-difiza hadet parti attiva fis-sens illi ma kkontestatx il-validita’ tal-arrest u anki kienet prezenti fejn il-Qorti regghet tat zmien lill-appellanta sabiex tikkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ htija taghha. Wara dan saret ukoll trattazzjoni dwar il-piena.

Ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li kollox kien regolari w l-allegazzjonijiet maghmula mill-appellanta fl-istadju tal-appell jibqghu biss allegazzjonijiet li din il-qorti ma tistax tikkonsidra bhala provi.

Jibqa’ l-fatt ili l-ammissjoni tal-appellanta kienet wahda legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet sew billi ghaddiet mill-ewwel biex tat is-sentenza.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri” moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta’ Jannar, 1995 meta qalet :
*“fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma kienx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-Ligi tikkundannah cioe’ ssibu hati ta’ reat.”*

Ir-rizervi maghmula f’din is-sentenza ma jirrizultawx li avverew ruhhom f’dan il-kaz.

L-appellanta kienet taf sew x’kien qed jigri u din il-Qorti m’ghandha l-ebda raguni ghaliex tissuspetta mill-kompetenza ta’ Martin Boukov fit-traduzzjoni ghall-lingwa Bulgara.

Il-Qorti rat ukoll illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi kien hemm ammissjoni fi stadju bikri kif ukoll il-fedina penali nadifa tal-appellanta.

Hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti tasal ghal din il-konkluzzjoni u ma tara l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-ewwel sentenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------